MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 72/2000/1

**J & C Pisani Limited**

**vs**

**Finrac Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar, 2000 is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, hames mija u zewg liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM1502.23) prezz ta' merkanzija lilha mibjughha u konsenjata flimkien ma' l-imghax mid-data ta' kull konsenja rispettiva kif jidher fil-prospett (Dok A) u flimkien ma' l-imghax ulterjuri wara d-data tat-12 ta' Jannar, 2000 sad-data tal-hlas effettiv, liema dejn hu cert, likwidu u skadut; illi fil-fehma tas-socjeta` attrici is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici, is-somma ta' elf, hames mija u zewg liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM1502.23) prezz ta' merkanzija lilha mibjughha u konsenjati flimkien ma' l-imghax mid-dati tal-konsenja rispettivi skond il-prospett (Dok A).

Bl-ispejjez – komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 1999 kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

B'digriet tal-14 ta' Frar 2000 is-socjeta` konvenuta nghatat il-fakolta` tikkontesta t-talba attrici u b'nota pprezentata fit-tlieta ta' Marzu, 2000 din eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap 16) – liema eccezzjoni giet irtirata mis-socjeta` konvenuta fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2000.
2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, billi s-socjeta` konvenuta mhix il-legittima kontradittur ghaliex qatt ma ordnat merkanzija minghand is-socjeta` attrici u lanqas hadet xi

konsenja ta' tali merkanzija kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi kull konsenja li saret lil Granny's Restaurant, dejjem thallset fi flus kontanti mal-konsenja kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha tipproduci l-*Invoices* originali u fi kwalunkwe kaz it-talba taghha ghandha tigi separata minn sorte u imghax.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-27 ta' Gunju, 2001 il-Prim Awla tal-Qort Civili wara li cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, laqghat it-talbiet attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"*Il-konvenuti qed jikkontestaw it-talba attrici ghal zewg ragunijiet; l-ewwel ghax qed jghidu li l-ordnijiet kienu saru minn John Zammit u mhux mill-kumpanija konvenuta, u t-tieni, l-ammont mhux dovut la mill-kumpanija u lanqas minn Zammit personalment, ghax hu mhallas.*

***Ordni.***

*Biex persuna li qed tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha, ikun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna ndikat car u tond li qed tikkontratta ghal haddiehor jew ghaliha personalment. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jkun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragionevolment jaf illi dik il-persuna qed tikkontratta b'dak il-mod (ara sentenza Kumm JDC Zammit vs Rev. N.Okereke 13/7/91)*

*Il-kwistjoni kollha hi f'liema kwalita` ghamel l-ordnijiet il-konvenut. Kien dover tieghu li jaghmilha cara, kemm il-darba ried li hu personalment ma jkunx responsabbli, li hu kien qed jaghmel l-ordni ghan-nom tal-kumpanija. Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontraent l-iehor (ara sentenza tal-Qort ta' l-Appell E. Borg et noe vs R.Schembri tat-28 ta' Mejju 1973).*

*Fil-kaz in ezami John Zammit qed jissottometti li l-ordnijiet kien jaghmilhom hu u r-restaurant kien gestit minnu personalment u mhux minn kumpanija. Izda l-atturi qatt ma gew infurmati b' dan kollu u kollox kien juri li ghalkemm l-ordnijiet kienu qed isiru minn John Zammit dawn ma kienux ghalih personalment imma ghar-restaurant. L-attur kienu jbieghu ikel ghar-restaurant fuq bazi wholesale u mhux ghal Zammit personalment. L-ikel kien jigi konsenjat lir-restaurant u l-kontijiet u li statements kienu jintbaghatu hemm u qatt ma saret xi kontestazzjoni minn Zammit li r-restaurant jew Finrac ma kellhomx x'jaqsmu.*

*L-invoices kienu jithallsu minn Zammit b'cheques ta' Finrac Limited u ghalhekk l-atturi kienu gustifikati li jassumu li r-restaurant kien qed jigi mmexxi u gestit mill-kumpanija u mhux minn Zammit personalment. Huma ma setghux jissoponu li l-kumpanija kienet ser thallas dejn personali. Zammit xhed li ghalih ma taghmilx differenza jekk ihallas id-dejn b'cheque tal-kumpanija jew le, izda ghal atturi kollox kien jindika li kienet il-kumpanija li kienet qed thallas u li huma kienu qed jiddiljaw ma kumpanija.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

***Pagament***

*Dwar l-allegazzjoni li l-ammont mitlub hu mhallas, xehed John Pisani li qal li Zammit ma cahadx li ghandu jhallas imma dejjem kien iwieghed li ser ihallas. Fil-fatt John Pisani esebixxa ittra (ara fol. 22) fejn ghamel riferenza ghall-konversazzjoni li kellu mal-konvenut fejn dan kien ikkonferma li l-kont pendenti kellu jithallas sa 16/20 Ottubru, 1999. Hu spjega li Zammit ma kienx ihallas kull xahar, imma kien jaqbad mazz invoices ihallas ammont b'cheque u kien ihalli bilanc pendenti. Dan ikkonfermah is-salesman Alfred Schembri.*

*Dwar l-ammont dovut l-atturi pprezentaw statement dettaljat bl-ammonti dovuti li ma gewx kontestati mill-*

*konvenuti u li lanqas ma gabu prova li dawn thallsu. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat fis-17 ta' Lulju, 2001 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza fuq imsemmija billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Fir-risposta taghha s-socjeta` appellata talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

L-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti fi kliem ir-rikors jikkonsisti fil-fatt li "*is-sentenza hija bazata fuq interpretazzjoni zbaljata tad-dritt u kif ukoll apprezzament zbaljat tal-provi prodotti….*"

**Ikkunsidrat:-**

L-ilment principali tas-socjeta` konvenuta huwa marbut ma' l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur. Is-socjeta` konvenuta tirritjeni li filwaqt li l-ewwel Qorti "*ghamlet referenza ghar-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu jekk ma jurix bic-car li kien qed jikkontratta ghan-nom ta' haddiehor u imbaghad iddecidiet bil-kontra ta' dan il-principju stante li iddecidiet li s-socjeta` attrici kellha l-jedd tagixxi kontra terza persuna (is-socjeta` konvenuta) nonostante li l-kontrattazzjoni kienet qed issir ma' John Zammit fil-kwalita` tieghu personali u bl-ebda mod ma jista' jinghad li intwera bic-car li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta li hija kompletament estranea fir-relazzjoni guridika mertu ta' din il-kawza.*"

Dan l-aggravju huwa msejjes fuq dak li qalet l-ewwel Qorti meta kienet qed tezamina l-aspett tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Infatti l-ewwel Qorti osservat hekk: "*Fil-kaz in ezami John Zammit qed jissottometti li l-ordnijiet kien*

*jaghmilhom hu u r-restaurant kien gestit minnu personalment u mhux minn kumpanija. Izda l-atturi qatt ma gew infurmati b'dan kollu u kollox kien juri li ghalkemm l-ordnijiet kienu qed isiru minn John Zammit dawn ma kienux ghalih personalment imma ghar-restaurant. L-atturi kienu jbieghu ikel ghar-restaurant fuq bazi wholesale u mhux ghal Zammit personalment. L-ikel kien jigi konsenjat lir-restaurant u l-kontijiet u l-istatement kienu jintbaghatu hemm u qatt ma saret xi kontestazzjoni minn Zammit li r-restaurant jew Finrac ma kellhomx x'jaqsmu."*

L-Artikolu 998 tal-Kodici Civili jenuncja il-principju li ghandu dejjem "*jitqies illi wiehed wieghed jew ftiehem ghalih innifsu ….. meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim*." Imbaghad l-Artikolu 999 li jsegwi jghid espressament li "*Hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta <u>hlief ghalih innifsu."</u>*

Mill-korp tas-sentenza jidher car, kif sewwa osservat is-socjeta` konvenuta fir-rikors ta' l-appell, li l-ewwel Qorti hasset li din ir-regola kellha tifforma l-bazi ta' l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur sollevata mis-socjeta` konvenuta meta qalet li "*Kien dover tieghu* (il-konvenut) *li jaghmilha cara, kemm-il darba ried li hu <u>personalment ma jkunx responsabbli</u>, li hu <u>kien qed jaghmel l-ordni ghan-nom tal-kumpanija.</u> Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontraent l-iehor."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa minn ezami tal-provi processwali jidher li l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta kienet fondata u dana ghas-segwenti ragunijiet:-

a. Ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici John Pisani jghid li huwa dejjem kien ikellem lis-sur John Zammit u li dana dejjem kien iweghdu li ser ihallas. Dan ix-xhud qatt ma semma' li l-merkanzija kienet destinata ghas-socjeta` konvenuta. Jghid biss li John Zammit kien weghdu li ser thallas din is-socjeta`. Issa kif irrizulta ampjament mill-atti l-kontijiet kienu jew jithallsu "cash" jew b'cheques tas-socjeta` konvenuta iffirmati mill-istess John Zammit. Dan il-fattur izda ma ghandhux jincidi fuq ir-relazzjoni

kuntrattwali ta' bejn l-venditur u l-akkwirent. Infatti l-Artikolu 1148 tal-Kodici Civili jiddisponi li "*L-obbligazzjoni* *<u>tista' ukoll</u> tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollix interess fiha basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur …."* Inoltre l-artikolu li jsegwi jenfasizza li "*il-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur."*

Il-pagament li jsir minn terz a sodisfazzjon ta' obbligazzjoni tad-debitur, jestingwi l-obbligazzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tieghu. B'dana kollu tali pagament qatt ma jista` johloq relazzjoni gdida bejnu u l-kreditur meta din ir-relazzjoni qatt ma kienet tezisti.

Jekk huwa minnu li wara l-ittra tal-24 ta' Settembru, 1999 mibghutha mis-socjeta` attrici lil John Zammit dan qal lil John Pisani li ghall-ammont dovut kienet "*ser thallas is-socjeta` konvenuta."* - fatt dan michud mill-istess John Zammit - dan il-kliem xorta wahda ma jbiddilx ir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet fin-negozju, izda seta', se mai, jikkostitwixxi lill-istess socjeta` konvenuta bhala garanti ghall-hlas tad-debitu. Liema garanzija fi kwalunkwe kaz kienet tkun nulla u bla effett billi huwa dejjem mehtieg l-att pubbliku jew skrittura privata biex tinghatha garanzija.

b. Jirrizulta li l-merkanzija kienet tigi kkonsenjata fir-restaurant maghruf bhala Granny's gewwa Bugibba. Jirrizulta wkoll li din il-merkanzija kienet tigi invoicjata "wholesale". Minn dawn il-fatti l-ewwel Qorti donnha fehmet li allura John Zammit ma kienx involut personalment u konsegwentement kellha tkun is-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hlas. Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti din il-konkluzzjoni ma taghmilx sens. Jirrizulta ampjament li l-Granny's Restaurant huwa licenzjat u gestit minn John Zammit personalment u ma hemm ebda prova, anzi jirrizulta l-kuntrarju, li dan l-istabiliment kien jappartjeni lis-socjeta` konvenuta. Il-fatt li l-merkanzija kienet mibjughha "wholesale" ma jfissirx li din il-merkanzija kienet destinata lis-socjeta` konvenuta. Izda jfisser li l-volum u n-natura tan-negozju kien tali li

jiggustifika tali arrangament. Wara kollox wiehed jistenna li restaurant ma jakkwistax bl-imnut, eccetto dawk l-affarijiet zghar li jista' jkollu bzonn u li jista' jakkwista minghand grocer. Ghalhekk ghalkemm ir-relazzjoni kienet bejn is-socjeta` attrici u John Zammit, xorta wahda il-merkanzija kienet destinata ghall-uzu fir-restaurant gestit minnu u mhux ghall-uzu tieghu personali.

c. Illi huwa relevanti li jigi osservat li l-istatement li gie ezebit minn John Pisani waqt ix-xhieda tieghu fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2000 u li jgib id-data 12 ta' Jannar, 2000, huwa kollu indirizzat lil Mr John Zammit c/o Granny's Restaurant. Dan jikkonferma dak li xehed l-impjegat tas-socjeta` attrici Alfred Schembri fl-istess seduta li qal li "*Dwar il-kont tal-konvenuti ahna nafuhom bhala l-Granny's Restaurant.*" Fl-ebda hin ma tirrizulta s-socjeta` konvenuta. Tant hu hekk li l-ittra tal-24 ta' Settembru, 1999 mibghutha mis-socjeta` attrici (Dok D a fol 22 tal-process) hija indirizzata lil John Zammit personalment u terga' fl-istess ittra ma hemm ebda indikazzjoni li s-socjeta` attrici kienet qed izzomm lis-socjeta` mharrka responsabbli ghall-"*outstanding balance*"

d. Illi l-ewwel darba li tidher is-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' dan id-debitu huwa fl-istatements ezebiti mac-citazzjoni. Biss fl-istatement a fol 8 u 9 tal-process, ghalkemm dan huwa indirizzat lis-socjeta` konvenuta, jirrizulta li tnizzel il-VAT Registration Number 1084-6914. Liema numru jirrizulta bhala appartenenti lil John Zammit kif jidher mid-dokument JZ2 a fol 43 tal-process. Dan in-numru seta` biss gie a konoxxenza tas-socjeta` attrici mid-dokument li, skond l-istess John Zammit, intbaghat lis-socjeta` attrici mill-istess John Zammit in sodisfazzjoni ta' l-obbligi tal-fisco.

e. Fl-ahharnett hemm ic-cahda kategorika ta' John Zammit dwar xi obbligi tas-socjeta` konvenuta imharrka in konnessjoni ma dan il-kreditu. Il-fatt li dan Zammit ghazel li jhallas b'cheques ta' socjeta` li fiha huwa kien azjonista maggoritarju, ma jghatix id-dritt lis-socjeta` attrici taghzel li tistitwixxi proceduri kontra l-istess socjeta` meta din ma kienitx involuta. Dan l-agir ta' John Zammit jista' jwassal ghall-konsegwenzi ohra fir-relazzjonijiet interni bejnu u l-istess socjeta` konvenuta, izda dawn mhux rilevanti ghall-kwistjoni in ezami.

Illi minn dan kollu jidher li r-relazzjoni ta' negozju relatat mal-bejgh u xiri ta' merkanzija ghar-restaurant Granny's ma kellu x'jaqsam xejn mas-socjeta` konvenuta u l-fatt li John Zammit kien qed ihallas l-kontijiet lilu pprezentati b'cheques tas-socjeta` konvenuta ma ghandu bl-ebda mod javvantagga lis-socjeta` attrici li titlob il-hlas minn ghand is-socjeta` konvenuta.

In vista ta' dak li inghad hawn fuq dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur li qed tigi akkolta, din il-Qort ma thossx in-necessita` li tezamina l-aggravji l-ohra imressqa mis-socjeta` appellanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milqughh u s-sentenza appellata revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------